Minuti

Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara

ID-DISGHA LEGISLATURA

**Laqgha numru 30**

**13 t'Ottubru 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci – Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Alfred Attard – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier

**Assenti:**

Stefano Sicari – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier

**28.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji.**

**28.1.** Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-6.05pm

**28.1.2** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm ittri t'apoloġija fejn is-segretarju Eżekuttiv irrispondiet li kien hemm 3 ittri t'apologija, dik tas Sur Kaylocke Buhagiar, tas-Sur Alfred Attard u Tas-Sa Yana Borg Debono Grech.

**30 .1.2** Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Gilmour Borg kellu jitlaq ftit kmieni.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**30.2.1** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il-minuti ta l-aħħar laqgħa, Fejn is-Sa Rosette talbet li tiġi emendata minuta 29.3.9 sabiex jiġi elaborat is-suġett u l-kuntest li hija tkelmet fuqu kif ukoll minuta 29.10.3.

**30.2.2** Wara li l-minuti ġew emendati ġew approvati bħala koretti Mis-Sur Maurizio Gauci u sekkondati mis-Sur Luke Vella.

**30.3 Preżentazzjoni tal-Audited Fanancila Statments Q1 U Q2**

**30.3.1**. Is-Sindku reġgħet sdiednet lil Accountant sabiex tippreżenta ir-rapporti Q1 u Q2 fejn Is-Sa Lorna Sultana spjegat li wara il laqgħa li kelna mal-accountant preċedenti ġew ikapitalizzati il-proġetti relatati mal-Ġnien tal-Istazzjon u b'hekk issa il-posizzjoni finanzjarja qed tirrifleti pożizzjoni ta FSI posittiv, +4%.

**30.3 2.**Is-sindku spjegat li waqt il laqgħa kien hemm presenti l-accountant presenti , precedenti. Segretarju Eżekuttiv, accounts Clark tal-kunsill u online kien hemm Is-sur Mark Zammit.

**30.3.3** Is sur Gilmour staqsa jekk kienx preżenti il-Kunsillier Karl Cutajar għall din il-laqgħa kif kien mitlub/miftiehem iżda is-sindku wieġbet li dan ma kienx preżenti għalkemm fakkritu u anki għaddietlu update ta kollox. Hu kien informha li nqabad fuq xogħol.

**30.3 4** Rapport Q1 ġie approvat mill kunsilliera preżenti Desirei, Maurizio, Luke, Rosette Gilmour, Antoine u Marie Claire.

**30.3 5** Rapport Q2 ġie approvat mill kunsilliera preżenti Desirei, Maurizio, Luke Rosette Gilmour, Antoine u Marie Claire.

**30.4 Preżentazzjoni Mark Zammit, Proġett Stazzjon.**

**30.4 1** Is-sur Mark Zammit introduċa ruħu u spjega l-irwoli tiegħu fil proġett tal-istazzjon. Huwa spjega min fejn inġiebu il fondi u kif ġew allokati fi proġett. Spjega ukoll għalfejn intilfet is-somma li kella tiġi ritornatamill fond tal EU. Spjega ukoll kif ġie mghoti it-tender sabix isir il-panoramic lift u min fejn gew il fondi. Huwa żid jghid li jonqos biss isir Procurement sabiex qabel jitwaħħal il-lift tiġi restawrata il faċċata fejn ser jeħel. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti sabiex ix-xogħol għall restawr u tkomplija tal-lift ikompli miexi.

**30.5 Arisings mill-Minuti**

**30.5.1** Ma kien hemm xejn.

**30.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**30.6.1** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li x-xogħolijiet f'ta Paris issa kienu lesti jonqos biss bis-sinjali fuq tarmac. Xogħol f'Olaf Gollcher naħa ta fuq, għadu għaddej kif intqal fl-aħħar laqgħa fadlilhom sa' Diċembru.
Segretarju Ezekutiv tat over view tax-xogħolijiet li qed isiru fejn qalet ukoll li wara Olaf Gollcher u Lorenzo Gatt ser jibdew xogħolijiet fi triq Evelyn Bonaci u tal-Qattus.

**30.6.2** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Kellna kommunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex nallokaw uffiċju mill-binja tal-kunsill għal tiġdid tal-ID Cards għal zmien temporanju. Aħna ma sibna l-ebda oġġezzjoni u dan se jseħħ is-sena d-dieħla għal ftit ġimgħat.

**30.6.3** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li fl-aħħar ġimgħat irċivejna email mingħand l-accountants preżenti fejn qalulna li se jiefqu jaħdmu mal-Kunsill Lokali għax mhux worth it għal l-ammont li jaqalaw fis-sena.

**30.6.4 Girja 13 ta Diċembru**. Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li Konna bagħtna email sabiex dan il-kunsill jipparteċipa f'ġirja li se ssir fit-13 ta' Diċembru. Kellna xi domanda permezz ta' Email fejn is-Sir Kaylocke staqsa min huma l-organizzaturi, Antoine kien preżenti għal-meeting mal-Organizzaturi ta' din il-Ġirja. Is-sindku talbet lis-Sur Antoine jispjega ftit .

**30.6.5** Is-sa Rosette talbet biex tiġi skużata mill-laqgħa imma peress li kien hemm għadd ta membri neqsin ma kienx ser ikun hemm quorum sabiex jiġu approvati ħlasijiet u skedi. Gie maqbul li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti qabel titlaq . **Ara minuta 30.12**

**30.6.7** Wara li ġew approvati l-iskedi tal-ħlas is-sindku kompliet bil komunikazzjoni tagħha

**30.6 8** hija infurmat li fuq il ġirja intbghatet email u kien hemm domanda wahda biss.

**30.6.9** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li hemm ħtieġa li issir uniformi ġdida lil Ħaddiema għaliex dik li għandhom preżenti qdiemet u ħadd ma qed jilbes l-istess kien hemm qbil bejn dawk preżenti biex tinbidel.

**30.6.10** is-sindku infurmat lil dawk preżenti li x-xogħolijiet fuq il-laterini tal istazzjon daqt jaslu fi tmiemhom. Sa Marie Claire staqsiet jekk dawn hemmx xi fondi għalihom fejn n is-sindku wieġbet li dawn saru taħt skema mir-Reġjun.

**30.6.11** Is-Sindku infurmat lil dak preżenti fuq ix-xogħol li qed isir fuq l-Isprallhdejn il kunsill, fejn spjegat li sfortunatament il-ħsarat huma aħbar min dak li kien hemm maħsub. Il perit qiegħad jara li x-xogħol isir kif suppost. It triq mhux ser tkun maħluqa. Is-sur Gilmour saqsa kemm hu maħsub li jdum ix-xogħol fejn ġien mwieġeb li dan m'għandux idum. Kif ukoll Sa Rosette talbet biex dan ikun aktar imdawwal bil-lejl.

**30.6.12** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li is-segretarju eżekuttiv preċedenti iltaqet ma Christine u rritornat ir-remarkable, iċ-cwievet tal-office cabinets u €150 flus kontanti valur tas-suq għall Laptop li kienet tuża. Għall dan ġie infurmat ukoll l-avukat tal-kunsill.

**30.6 13** Is-Sindku stiednet lis-sur Antoine biex jghati ftit informazzjoni fuq il-ġirja. Huwa qal li għall dawn l-ahhar 30 sena kienet issir din il-girja u issa qed jiġi propost sabiex tingħata għajnuna min naħa tal kunsill.

**30.6.14** is-sindku infurmat lil dawk preżenti fuq l-attivitajiet li qed jorganizza il kunsill.
Nhar l-20 t' Ottubru ser tittelgħa attività għall Pink October. Flimkien mal Kunsilliera Marie Claire u Rosette il-Kunsill tellgħa programm għall dan il jum.

**30 .6.15** Is-sindku nfurmat li se jsir il-Programm Bongu Malta fuq TVM u talbuna xi għajnuna bħal kuntatti ta' nies protagonisti fir-raħal u anka li nkunu preżenti għal din il-festa.

**30.6.16** Is-Sindku infurmat li nhar it 30 ta' Novembru filgħaxija ser jinxtgħel d-dawl tal-milied. Fl-aħħar laqgħa kienet infurmat li se nibdew naħdmu fuq it-tender tad-dawl tal-Milied, iżda bħala process konna tard u għaldaqstant se nqabbdu kuntratturi minn Birkirkara u x-xogħol se jitqassam skond it-toroq li narmaw ta' kull sena. intalbu Kwotazzjonijiet u qedin nistennew mingħandhom.

**30.6.17** Is-sindku infurmat li għaddejin bil-preparamenti mas-Socjeta Muzikali Sant'Antnin għax din is-sena imiss lilhom li jdoqqu f'Jum Birkirkara nhar il 5 ta Diċembru. Ħarġu ukoll l-applikazzjonijiet għal Ġieħ Birkirkara. Dawn jagħlqu fil-wieħed u tletin t'Ottubru. Għaldaqstant fil-laqgħa li jmiss ta' ser inkunu qegħdin naqblu fuq isem li għandha/għandu jingħata dan it-titlu

**30.6.18** Is-sindku infurmat li fit-**18, 19, 20 u 21 Diċembru ser jittellgħa il-Christmas Village-Milied taħt iz-Zuntier** –għal din l-attività ingħatajna fond min skema li applikajna għaliha sabiex isir dan il-Villaġġ isir fil-pjazza ta' Sant'Elena. Ġie maħsub li jitqassam fuq medda ta 4 t'ijiem, liema l-ewwel ġurnata tkun iddedikata għat-tfal kollha Karkariżi. Il-kumplament tal-villaġġ tal-Milied ser ikun iddedikat għal kulħadd, bl-involviment tal-għaqdiet volontarju Karkariżi u anka għaqdiet mużikali. Pjazza ser tkun magħluqa.

**30.6.19** Is Sa Marie Claire fakkret lis-Sindku li fil 21 t'Ottubru kienu ser jibdew it-taħdidiet fuq il-Patrimonju Karkariż. Dawn ser isiru f'partijiet differenti ma Birkirkara. Sa Rosette talbet għad-dati tat taħditiet.

**30.6.20** Is-Sa Marie Claire infurmat ukoll li ser issir ħarġa kulturali ġewwa il-Mellieha nhar it-12 ta' Novembru.

**30.7** Is-sindku infurmat li dwar l-Innovation Centre, Ġnien l-Istazzjon, fejn Il-Perit infurmana li issa l-proġett għadha min-naħa tal-Planning Authority u inħareġ il-PA Permit. Issa għaddejin bil-proċess biex napplikaw għall-fondi mill-Urban Improvement Fund (Malta Environment and Planning Authority)– Fondi li niehdu mil-bini f'Birkirkara. Hija kompliet tgħid li wara meeting li kella mal-President tar-Reġjun Lvant, dawn aċċettaw li jidħlu magħna fil-proġett biex inkunu nistgħu nieħdu l-100% funding.

**30.8** Is-sindku infurmat dwar Ġnien John Borg li Ġejjin rappreżentanti tal-LESA sabiex jiċċertifikaw ix-xogħol li sar fuq il-fence tal-Ground ta' John Borg. U wara ser inkunu qed niġu reimbursed għal fondi li ħriġna.

**30.9 Mistoqsijiet mill- Kunsilliera**

**30.9.1** Xejn

**30.10 Rapporti**

**30.10.1 Skema SPI.SCI.03.25** Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa għandna delay fl-ordni tal bins min barra, u għaldaqstant kif li jaslu nkunu nistgħu norganizzaw l-clean up day u l-installazzjoni tal-bins.

**30.11 Amministrazzjoni**

30.11 Xejn

**30.12 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

30 12.1 Is-sindku staqsiet lil dawk preżenti jekk kienx hemm xi kummenti fuq il ħlasijiet. Ħadd ma kellu xejn u il ħlasijiet ġew approvati. Sur Maurizio Ippropona u Sur Luke sekonda l-iskeda tal pagamenti bħala korretta.

30 12.2 Is-sindku staqsiet lil dawk preżenti jekk kienx hemm xi kummenti fuq l-iskeda tal-petty cash. Kien hemm kumment rigward kafe u anki rigward ċwievet dawn ġew kjarifikati. Sur Luke ppropona u Sa Marie Claire ssekondat l-iskeda tal Petty cash bħala koretta.

**30.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

30.13 Wara li giet eżawrita l-aġenda ġiet fi tmiem il-laqgha fis 7.14 pm. Data għall-laqgħa li jmiss hija 27 ta' Ottubru fejn ser jittieħed il Vot. Hin fis 6pm

Iffirmati

Christine Jo Mansueto